MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Numru 40/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Abdilla**

v

**KEVIN SCERRI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEVIN SCERRI** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Carmelo u Doris nee Grima, imwieled Pieta nhar s-sebgha ta' Mejju 1984 u residenti 21, Flat 3, Triq n-Nazzarenu, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 230384M, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli matul x-xahar ta' Ottubru 2005, f'diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin, xjentement laqgha ghandu, xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew

akkwistati b’reat jew b’kull mod indahal sabiex imexxihom jew ibieghhom;

2. Talli kiser l-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dottor Tonio Micallef Trigona b’sentenza li saret definittiva nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Lulju 2003.

Rat d-dokumenti kollha fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hdax ta’ Jannar 2006 esibit bhala dokument CSH 2 sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar s-sittax ta’ Novembru 2005.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar lilu nhar l-hmistax ta' Frar 2006 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hmistax ta’ Frar 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkopera bis-shih maghha sa mill-bidu tal-investigazzjoni, li l-valur tal-oggett ricettat kien minimu u li mhux qed tinsisti fuq piena karcerarja.
**Dwar il-piena,** l-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe dakinhar li gew mahlufa l-akkuzi u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz,

3. L-ammont qua valur tar-ricettazzjoni kif verbalizzat mill-Prosekuzzjoni, kien wiehed zghir, u

4. L-fedina penali relattivament nadifa tal-imputat markata bhala dokument CSH 2 fl-atti odjerni.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet **il-Qorti**, wara rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat KEVIN SCERRI hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira maltin.**

**Oltre dan tiddikjara li qed issib lil imputat hati talli kiser l-kundizzjoni mposta fuqu ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Qorti tal-Magistrati nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2003 meta nghata ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin u tikkundannah ghal amenda ta' mitt lira maltin ghal tali ksur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------